MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 999/2003

**Central Cigarette Company Limited**

**vs**

**Dezz Limited u Mark Scerri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm833.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Central Cigarett Company Limited in kwantu ghas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala bilanc dovut in rigward ghal nofs l-ammont lilhom imhallas ghal advertising space minn qabel ghas-sena li bdiet fl-1 ta' April, 2002, u li issa ghandhom jirrifondu lis-socjeta` attrici minhabba l-fatt illi l-ftehim dwar l-advertising ma giex minnhom rispettat in rigward ghall-Bootleggers Bar, ta'**

**Dragonara Road, Paceville, St. Julians; u in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm733.00) bhala bilanc dovut minnhom lis-socjeta` attrici in rigward ghal commission lilhom imhallsa minn qabel in rigward ghall- bejgh mill-magni tas-sigarretti gewwa l-istess Bootleggers Bar, liema ammont ghandu jigi ritornat lis-socjeta` attrici minhabba l-fatt illi l-ftehim dwar il-magna tas-sigarretti kien illi l-ammont ta' tmien mitt lira (Lm800) kien qieghed jithallas lilhom minn qabel bil-patt u kundizzjoni illi kellhom jinbieghu tmien t'elef (8000) pakkett tas-sigarretti fi zmien sena mill-5 ta' April, 2002 meta fil-fatt inbieghu biss sitt mija u sebghin (670) pakkett. Jirrizulta ukoll illi l-konvenuti ma ghadhomx joperaw l-imsemmi Bootleggers Bar u ghalhekk l-ammont ta' 670 pakketti mibjughin mhuwiex sejjer jizdied.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar, 2003, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-8 ta' Gunju, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenu, li baqghu ma dehrux.**
**Ghaldaqstant it-Tribunal, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tlieta u tletin lira Maltija (Lm833.00) bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Jannar, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 16 ta' Jannar, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------